# Lectio Divina

## Id-29 Ħadd
## Sena B

### Mk 10, 35-45

**"Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew, resqu lejh u qalulu: "Mgħallem, dak li se nitolbuk irriduk tagħtihulna." (v.35)**

Dawn iż-żewġt aħwa humiex biss parti mit-Tnax, imma jagħmlu parti miċ-ċirku ristrett fost it-Tnax (ara 5,37; 9,2; 14,33; ara wkoll 1,29) – anke s-Sultan David kellu dawk it-tlieta min-nies qrib tassew tiegħu (ara 2 Sam 23,8-17). Mattew jidher li ra din it-talba hekk offensiva li jqegħedha fuq fomm ommhom (Mt 20,20-21).

**"dak li se nitolbuk irriduk tagħtihulna"**: Talba ekwivalenti għal 'blank cheque'. Tidher l-inkapaċità tagħhom mhux tant li jifhmu t-tagħlim tiegħu, imma li jassumu l-ħsieb tiegħu u li jinsabu f'dik iċ-ċertezza falza li mexjin warajh: "Il-fehmiet tiegħi mhumiex fehmietkom, u t-triqat tiegħi mhumiex triqatkom... Għax daqskemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tiegħi mill-fehmiet tagħom" (Is 55,8).

B'differenza mill-agħma ta' Ġeriko, huma qed jippretendu u mhux jitolbu: "Ġesù bin David ikollok ħniena minni!" (10, 48-50).

Bħal Pietru (ara 8,32-33) u d-dixxipli l-oħra (ara 9,33-34), huma ma fehmu xejn minn dak li kien qed ifisser Ġesù bit-tħabbira tal-Passjoni.

**"'Xi triduni nagħmlilkom?' staqsiehom. U huma weġbuh: 'Ħallina noqogħdu wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug fil-glorja tiegħek.'" (v.36-37)**

Ġesù jħallihom jesprimu dak li hemm f'qalbhom, dak li qed jimmiraw għalih - il-bniedem huwa ġgudikat mill-iskopijiet li hemm f'moħħu.

**"Ħallina noqogħdu…"** : Il-mentalità ta' 'Jien is-Sid u int il-Qaddej' mhijiex it-talba « Ikun li trid int » (Mt 6,11).

L-ironija tax-xewqa tagħhom hi li ż-żewġ ħallelin kienu dawk li ser joqogħdu fuq in-naħa tal-lemin u tax-xellug fil-'glorja' tal-Passjoni tiegħu (ara 25,27).

Kienu mmexxija mill-ambizzjoni u mhux mill-Imħabba lejn Ġesù.

"fil-glorja tiegħek": (ara wkoll 8,38; 13,26 u 14,62). It-tamiet tagħhom huma 'l bogħod minn dawk tal-Imgħallem tagħhom. Qed jaqraw is-'Saltna' bil-mentalità tad-dinja bħalma deher ċar minn Pietru f'Ċesarija ta' Filippu (ara 8,29).

**"Imma Ġesù qalilhom: 'Ma tafux x'intom titolbu. Għandkom ħila tixorbu l-kalċi li se nixrob jien, u titgħammdu wkoll bil-magħmudija li biha se nitgħammed jien?'" (v.38)**

**"Kalċi"**: Fl-Antik Testment dan huwa simbolu kemm tat-tbatija u kemm tal-korla t'Alla (Is 51,17: "Int li xrobt il-kus ta' għadbu minn id il-Mulej" ara wkoll Ġer 25,15; Eżek 23,33 u Salm 75,8) kif ukoll tal-ferħ (Salm 23,5: "Int tħejji mejda għalija ... u l-kalċi tiegħi tfawwarli"). Il-Mulej jużah fil-kuntest tat-tbatija u l-ġudizzju t'Alla li ser jerfa' fuqu, b'solidarjetà mal-umanità midinba. Hu l-kalċi tal-Ġnien tal-Ġetsemani (ara 14,36).

**"Magħmudija"**: Għalkemm il-Magħmudija ħadet il-forma ta' purifikazzjoni (ara 7,4), il-Mulej hawn jużaha fir-rigward tat-tbatija: "tgħammidna fil-mewt tiegħu" (Rum 6,3); "hemm magħmudija li biha għandi nitgħammed u x'diqa għandi sa ma dan iseħħ!" (Lq 12,50). – Fil-Grieg, il-verbi ***baptein*** u ***baptizein*** għandhom l-istess għerq: li togħdos. Is-Salm 42,8: "il-ħalel u l-imwieġ kollha tiegħek għaddew minn fuqi"; u s-Salm 69,2: "Sibt ruħi mgħaddas f'ħama fond; ma hemmx fejn inserraħ riġlejja" lkoll iħabbru dak li ser jiġri minn Ġesù.

Ġesù qed ifakkarhom fil-prezz tad-dixxipulat: "Biżżejjed għad-dixxiplu jekk joħroġ jixbah lill-imgħallem tiegħu" (Mt 10,25). Ġesù jiddefinixxi lilu nnifsu bħala l-Qaddej Sofferenti (ara Is 53,10-12).

**"'Għandna,' qalulu. Imbagħad qalilhom Ġesù: 'Il-kalċi li se nixrob jien tixorbuh, iva, u titgħammdu wkoll bil-magħmudija li biha se nitgħammed jien'". (v.39)**

**"Għandna":** Huma qed jibnu kollox fuq il-ħila u l-kburija tagħhom, u mhumiex jintelqu fuq il-ħila t'Alla.

Dan ikompli juri kemm huma jinsabu 'l bogħod minn dak li jrid minnhom Ġesù. Din id-distanza tkompli tidher fl-arrest ta' Ġesù meta "kollha telquh u ħarbu" (14,50).

**'tixorbuh'** u **'titgħammdu'**: din hija profezija minn Ġesù li huma kellhom ibatu minħabba fih – F'Atti 2,1 hemm referenza għall-martirju ta' Ġakbu. Huwa l-prezz mhux biex wieħed jikber imma biex jimxi waraj Ġesù.

**"imma li wieħed joqgħod fuq il-lemin jew fuq ix-xellug tiegħi, din mhijiex ħaġa tiegħi li nagħtiha jien, imma hi għal dawk li għalihom kienet imħejjija." (v.40)**

**"din mhijiex ħaġa tiegħi li nagħtiha jien"**: Jerġa' jfakkar li anke l-Iben huwa dipendenti mill-Missier, tant li saħansittra l-aħħar jum u siegħa "ħadd ma jaf meta ser jaslu, anqas l-iben; ħadd ħlief il-Missier" (13,32).

**"L-għaxra l-oħra, meta semgħu dan, saħnu għal Ġakbu u għal Ġwanni. "Imma Ġesù sejħilhom u qalilhom: 'Tafu intom, dawk in-nies li l-bnedmin jgħodduhom bħala kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom iħaddmu s-setgħa tagħhom fuqhom." (v.41-42)**

**"saħnu"**: (***aganakteo***: tfisser korla espressa bi kliem u ġesti). Il-*feelings* juru x'hemm fil-qalb. Bl-atteġġjament tagħhom urew li kienu baqgħu jaħsbuha l-istess bħal qabel: "fit-triq kienu qagħdu jitħaddtu bejniethom fuq min kien l-akbar" (Mk 9,34). Iżda taħt dan kollu hemm is-sentiment tal-għira, u taħt l-għira hemm is-suppervja, il-'Jien'.

**"kapijiet"** u **"jaħkmu"**: Ġesù qed jitlaq mis-sitwazzjoni konkreta ta' żmienu – tar-Rumani f'konfront man-nies tal-Palestina.

**"Fostkom ma għandux ikun hekk, imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu joqgħod ilsir ta' kulħadd." (v.43-44)**

Kull setgħa fil-Knisja tfisser qadi umli għax hija mibnija fuq l-eżempju tal-Qaddej Sofferenti: "Hu li kellu n-natura t'Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla" (Fil 2,6).

Din is-setgħa/qadi hija murija fil-mandat ta' Ġesù lid-dixxipli: "u jkollhom is-setgħa li jkeċċu x-xjaten" (3,15 ara wkoll 6,7).

**"Għax hekk ukoll Bin il-bniedem, hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra." (v.45)**

**"Imma biex jaqdi u jagħti ħajtu"**: L-ewwel esperjenza tal-fidi għandha tkun l-*awareness* li aħna moqdija minn Ġesù.

Id-dixxipli jfittxu t-triq tal-glorja u tal-favoritiżmu, filwaqt li Ġesù jgħallimhom li l-vera glorja hi misjuba fil-***kenosi***, filli wieħed jiċċekken, tant li l-vera preokkupazzjoni ma tkunx iżjed it-tiftix tal-postijiet ta' quddiem, imma pjuttost li tħares lejn il-bżonnijiet tal-oħrajn u tagħtihom il-ħajja. Iċ-ċentralità fuq il-'Jien' timblokka milli wieħed iqis ruħu bħala parti minn komunità fejn jinteressah l-ġid tal-ieħor. Jinsabu maqsumin f'żewġ gruppi.

**"kotra"**: għalkemm ***pollōn*** tfisser 'ħafna' tista' wkoll tfisser 'għal kulħadd': "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna" (14,24).